MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 172/2005

**Maltacom p.l.c. C 22334**

**Vs**

**Saviour Falzon I.D. 53666M**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sebgha mija u disghin liri maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1,790.76) rappresentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici in kwantu ghal Lm1,650.22 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21493764 u in kwantu ghal Lm140.54 fuq servizz telefoniku 221806396 (skond kif jirrizulta mill-anness Dok A u Dok B) liema servizzi gew insallati fil-fond li jgib l-isem 'Madam Maria' GGE, Triq il-Wied Qormi, rispettivament u dana kif jirrizulta mill-anness Dok C.

Bl-ispejjes komprizi  dawk tal-avviz, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markati Dok A, Dok B u Dok C a fol 2 sa fol 5 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-30 ta' Mejju 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm1790.76,0 komplessivament, bl-imghax legali mid-data mhix specifikata izda msemmija fl-avviz in esami sa’ dik tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-istess ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------